MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2014

Numru. 668/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Omissis**
**Shaun Mifsud**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **Omissis u Shaun Mifsud** ta' 18 il-sena, bin John u Marisa nee' Bellizzi, imwieled Pieta’ fil-05.12.95 u joqgħod 42 ‘St Mary’ Triq l-Isqof Scicluna Qormi, detentur tal-karta tal-Identita' numru 514095(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli waqt li kienu fil-Bajja tal-Għadira limiti Mellieħa, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula

b'riżoluzzjoni waħda, ai termini tal-Artikoli **18** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta:-

1. Fit-18 ta' Lulju 2014 bejn is-02:00 u s-02:30 ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Għadira, limiti tal-Mellieħa ikkommettew serq ta' żewġ mobajls u oġġetti oħra għad-detriment ta' Lara Mizzi detentriċi tal-karta tal-identita' numru 190997(M) u Dunstan Vella detentur tal-karta tal-identita' numru 196996(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli **261, 267 u 279** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibewgħhom jew imexxuhom, u ċioe' żewġ mobajls u oġġetti oħra għad-detriment ta' Lara Mizzi detentriċi tal-karta tal-identita' numru 190997(M) u Dunstan Vella detentur tal-karta tal-identita' numru 196996(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu **334** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-14 ta' Lulju 2014 bejn it-03:00 u l-04:00 ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Għadira, limiti tal-Mellieħa ikkommettew serq ta' żewġ mobajls u oġġetti oħra għad-detriment ta' Dean Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 62797(M) u Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 419599(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli **261, 267 u 279** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibewgħhom jew imexxuhom, u ċioe' żewġ mobajls u oġġetti oħra għad-detriment ta' Dean Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 62797(M) u Michael Micallef detentur tal-karta tal-identita' numru 419599(M), liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu **334** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fis-07 ta' Lulju 2014 bejn it-03:00 u l-04:00 ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Għadira, limiti tal-Mellieħa ikkommettew serq ta' tlett mobajls u oġġetti oħra għad-detriment ta' Mark Anthony Cachia detentur tal-karta tal-identita' numru 454171(M), Sarah Jane Gauci detentriċi tal-karta tal-identita' numru 366999(M) u Felix Le Goffe ta' nazzjonalita' Franċiża, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli **261, 267 u 279** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibewgħhom jew imexxuhom, u ċioe' tlett mobajls u oġġetti oħra għad-detriment ta' Mark Anthony Cachia detentur tal-karta tal-identita' numru 454171(M), Sarah Jane Gauci detentriċi tal-karta tal-identita' numru 366999(M) u Felix Le Goffe ta' nazzjonalita' Franċiża,, liema serq hu kwalifikat bil-valur ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu **334** tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9, tal-Liġijiet ta' Malta;

**Shalon Abela** gie akkużat waħdu talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli **49, 50 u 289** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni **tirtira t-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni ta' ricettazzjoni** fil-konfront tal-imputat Shaun Mifsud;

Semghet lill-imputat Shaun Mifsud **jiddikjara li hu tal-ewwel, tat-tielet u tal-hames imputazzjoni,** liema ammissjoni giet rikonfermata mill-imputat fis-seduta tal-lum wara li l-Qorti taghti zmien bizzejjed biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex tkun tista' tinghata sentenza fil-konfront ta' Shaun Mifsud;

Rat li din il-Qorti laqghat l-istess talba;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi **l-imputat ammetta l-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjoni** u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali kwazi netta tieghu. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u wkoll il-fatt li l-imputat irritorna parti mir-*res furtiva*.

Illi l-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu li l-piena idonea ghall-imputat ghandha tkun dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Illi l-Qorti, bir-rispett dovut lejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza, ma taqbilx ma' dan is-suggeriment ghaliex temmen li fl-eta` tenera li hu l-imputat irid jinghata gwida minn Probation Officer sabiex jiddirigih fit-triq it-tajba, haga li fl-opinjoni tal-Qorti tista' ssir ferm ahjar b'ordni ta' probation milli b'sentenza ta' prigunerija sospiza. Illi mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta illi din hija l-ewwel darba li l-imputat xellef difru mal-gustizzja dwar serq u ghalhekk il-Qorti, filwaqt li qed taghtih din l-opportunita`, trid lil xi hadd jiggwidah kif ghandu jimxi 'l quddiem minghajr ma jaqa' f'xi cirku vizzjuz.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261, 267 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tar-raba' u tas-sitt akkuza dwar ir-ricettazzjoni fil-konfront tal-imputat Shaun Mifsud stante li dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat <u>**Shaun Mifsud**</u> hati tal-**ewwel, tat-tielet u tal-hames** imputazzjoni, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat **Shaun Mifsud** taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum** bil-kundizzjonijiet

elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qieghdha tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan stante li ma tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward. Il-Qorti qieghdha wkoll tastjeni milli taghmel ordni ta' hlas ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali peress li ma giex ippruvat l-ammont ezatt tat-telfien li garrbu d-derubati.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija mill-ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------